# PASS FIL-VOJT

KUMMIEDJA BRILLANTISSIMA F'ATT WIEHED

TA'

CARMELO GALEA S.D.B.

SALESIAN THEATRE
– SLIEMA –
SCRIPT No. 305

---

JIEHDU SEHEM

| | |
|---|---|
| GARBATOV | GENERAL KMANDANT RUSSU |
| CURROKOFF | DETECTIVE RUSSU |
| BARIAKOFF<br>SLAWRES | PULIZIJA SIGRIETA RUSSI |
| MR. WINGER | GERMANIZ. |
| BERNARD HITLER<br>ZIMER HITLER → Lino Buhagiar. | AHWA GERMANIZI PREGUDIKATI |
| SLAVSKY | SULDAT RUSSU BL-UNIFORMI |
| HIMMLER | GERMANIZ |
| MESSAGIER TAT-TELEGRAPH | |

IL-PERSONAGGI KOLLHA LIBSIN TAX-XITWA.

---

NIMSABU GEWWA BERLIN WARA L-GWERRA TAL- 1940

## NOTA TA' L-AWTUR

DAQS 20 sena ilu kont fi sqallija
u rajt farsa bit-taljan li baqghet
dejjem impressjonata f'mohhi......
Din il-farsa l-lum tatni l-ispunt
biex nikteb din il-kummiedja.

Carm Galea. Salesjan.

19/III/48.

## ATT WIEHED

Ufficju tal-pulizija sigrieta, librerija b'hafna kotba u registri, skrivanija mimlija karti u telephone. Sulan u siggijiet l'hawn u l'hemm, xema tixghel fuq l-iskrivanija, ic-cumnija imqabbda fir-rokna; Bieb fin-nofs u zewg bibien ohra fuq il-lemin u fuq ix-xellug. Kollox ghal-ordni.

---

### L-ewwel Xena

Bariakoff wahdu, imbaghad Slawres

Baria: (Bil-wieqfa f'nofs ix-xena b'mera tal-but f'idu qiegħed jobrom il-mustacci) Eh! Mhux hazin zejjed! .. Ma nixbahx perfettament sewwa lil Stalin, is-sema jillibreani! Insomma b'dawn il-par mustacci nista' nqabbes sidri mal-Germanizi wara li dhalna rebbiehin fil-belt ta' Berlin. (Jobrom u jhares lejn il-mera.) Pero din il-ponta ma tridtx toqghod f'posta, imbaghad m'inhiex mill-ghar, il-mustacci ta' Adolf Hitler perezempju kienu ikrah minn tieghi. ( Ipoggi l-mera fil-but) Himm! Hitler ghadu qieghed jaghtina x'naghmlu lilna l-pulizija sigrieta Russa, u xi ftit ta' detectives Inglizi ukoll.

Slaw: (Liebes pajzan b'kowt fuqu u jidhol imghaggel, jitfa l-kappell fuq is-siggu) Kosmoskofos! Buongiorno Bariakoff.

Baria: Jaqaw bihom dalghodu Slaws?

Slaws: Ili bihom. Meta tghaddi l-lejl kollu fuq riglejk ghall-kesha tas-silg, u x'hin tahseb li m'ghandiex hlief galletta fl)istonku tieghi. Fejn hija l-liberta? Fejn hija l-genna ta' l-art li weghdna l-Marixxal Stalin? Wara li nkunu erbahna l-gwerra? Il-gwerra irbahniha imma........

Baria: Iskot Slawres. M'Ghadniex zmien il-Czar meta konna nitkellmu kif iridu.

Salw: Ghandek ragun. Insejt li ahna issa komunisti. Stalin u jiena xorta wahda. Biss tghaddi d-differenza li huwa qieghed f'palazz miksi bid-damask u msahhan bil-heaters imdawwar bil-qaddejja u jiekol u jixrob mill-ghasel tal-fjuri filwaqt li ahna norqdu fuq zewg twavel u nieklu l-galletti ta' sitt xhur ilu. (Jidhaq sarkasikament)

Baria: Ugwaljanza ruhhi! (Jidhaq) Ma jigux jirrakuntawha lilna din lis-storja. Uliedna jibilghuwa ghax din il-holma tal-genna tal-art belghawilhom bhal valenu. Imma ahna ta hamsin sena li gibduna bil-lieva min ghonqna meta konna ghadna tfal, konna tassew nghejxu fil genna tal-art, gewwa r-Russia, ghaliex konna nistaw imorru il-knejjes u nimxu fit-toroq bil-liberta. Imma naqilbu il-folja.....
(Imur jissahhan hdejn ic-cumnija.)

Slaw: Ahjar naqilbu l-folja..... U Surrokoff id-detective ghadu ma deherx?

Baria: Dak ghadu jaghrbel il-passi kollha biex issib lil Hitler.

Slaw : Imma inti tiblaha tassew din illi hitler ghadu haj?

Baria: Huwa veru li l-Armirali Doenitz Germaniz kien qal li Hitler miet fit-taqbida biex jiddefendi lil Berlin u minfloku ta idditatorjat f'idejn Goering; izda meta Goering waqa prugmnier u gie mistoqsi x'sar mill-Fuehrer, huwa wiegeb li Hitler xorob il-velenu u qabbat lil min jaharqu bil-pitrolju fil-kancillerija tieghu. Il-fatt hu illi l-esperti Russi taghna wara hafna tiftix bir bir-reqqa spiccaw biex qalu illi "L-iskomparsa ta Hitler ghadha taht il-mant tal-misteru.

Slaw: Igiefern jista jaghti l-kaz li Hitler ghadu haj?...

Baria: Kollox jista jkun. Hawn min jghid li harab bl-ajruplan u ohrajn jaghidu li harab b'sottomarin ghal Argentina.

Slaw: Intant ahna l-Pulizija Russa ghadna qeghdin nigru lejl u nhar biex naqbdu lil Hitler.

Baria: U hemm min jghid li jekk Hitler ghadu haj u l-alleati ma jaqbduhx, huwa jerga jwaqqaf in-Nazizmu.

Slaw: Ma farax kemm huma akkaniti l-germanizi? Ghadhom jghajtu 'Heil Hitler' go wiccna.

Baria: Silenzju! (Kullhadd ghal postu)

It-tieni Xena.

Surro: (Jidhol liebes coat, svali u kappell bil-falda twila, jghati daqqa ta' ghajn ma kullimkien) Bravi Hekk sewwa kollox pulit. Ghaliex harsu minn hawn u ftit iehor ghandu jasal hawn il-general kmandant Garbatov. Ghalkemm la jiena u lanqas inthom ghad qatt ma rajna lil wiccu; imma ghandu jasal. Huwa jkun liebes miltari, b'coat u berritta u jiena bhala kummissarju u detective tal pulizija sigrieta Russa, ghandi nuza l-attenzjonijiet kollha.

Slaw: Ghidilna Sur Surrokoff inti bhala detective jmissek tkun 'Hitler ghadu haj jew le?

Surr: Ghaliex harsu, jekk Hitler huwa mejjet jien zgur nigi ddekorat, imma jekk kumbinazzjoni Hitler ghadu haj tistghu tiestu ghal funural tieghi.

Baria: Din hija modestja tieghek sur Kummisarju. Ir-Russja hija mfghaggbha bil-hila tieghek.....

Surru: Nai. Ul-Germanja mwerwra specjalment fuq il-fatt ta' dal-lejl. Int Slawres ara ma tahrablekx xi kelma minn dak li rajt dal-lejl.

Slaw: Halqi mghaluq ghal kollox.

Surru: Barrikoff dak li ghalaqna hemm gew b'suspett dal-ghodu tajtu xi daqqa t'ghajn?

Baria: Iva Sur Kummissarju, imma ma stajt nehodlu l-ebda kelma minn fohmu.

Surru: Kos qieghad nahseb, jekk jirnexxilna naghtu lil Hitler f'idejn Stalin.... Oh. Liema Glorja!

Baria: Mur ara liema salib fuq sidrek!

Surru: Jekk ma jkunx fuq spalliti.... (Idempel it-telefon) Ma minn ghandi l-unur nitkellem? Eh.. Iva.... il-bar?.... Kafe Internazzjonali?...... Erga ghidli... serq?.. Qam il-glied ukoll?...Ferut...Gravi... (Ihalli it-telfon) Il-germanizi serquna. Habtu ghas-suldati taghna, ittelefona l-ufficjal Malatoff; wiehed mis-suldati taghna huwa ferut gravi. Imorru malajr! Dan il-fatt jista jkollu komplikazzjoni ma Hitler. Slawres ejja mieghi u int Bariacoff ibqa hawn u tinziex li ghandu jasal il general Garbatov. Jiena nittelefonalek. (Jitlaq ma Slwares).

It-tielet Xena.

(Barria wahdu u lehen minn gewwa)

Baira: Kemm ilna li okkupajna Berlin, bil-qtajja qed inhossa tonqosli il-vista. Jekk ma ghatz insib ruhhi mtajjar, wara kollox u nohrog mis-saqaf.

Lehen: (minn gewwa) Ration Ration!

Baria: Oqghod wasal ir-razzjon ghal-qatta. (Jitlaq)

Ir-raba Xena

(Bernard Hitler wahdu umbaghad messagier)

Hitler: (Idahhal russu u jitawwal min bejn il-kwinti. Liebes coat twil maqful u berita kollox ghal la russa. Malli jidhol jpoggi il-berita fuq is-siggu., ghandhu mustacci twal bhal ta Adolf Hitler u taht il-coat huwa liebes hazin f'rm. Bhiedem suspettuz.)
Permess! Nista nghaddi? L-ahjar nidhlu. (Jidhol) Kurjuza, ma hawn hadd.... hares fiti! imma jiena hawn fejn gejt? Jidhirli il qieghad fl-ufficju tal pulizja. Gejt infittxhom jiena stess biex naghti ruhhi f'idejhom u huma lanqas jaghtu kas tieghi. Jekk jirnexxili naqgha f'idejn il-pulizija jiena inkun felici. Hawnhekk insib bicca hobs biex intaifi il-guh li qieghad joqtolni. Kemm sejjer indum nghix bil-mohbi? Kemm sejjer ndum nghix bl-ghajja.

Messagier: (Minn gewwa) Nista?....

Hitler: Mela ma tistax.

Messag: Hawn dan it-telegram. (Ittihulu)

Hitlee: Imma jiena?....

Messag: Xejn ma jimporta, nerga nghaddi. Iffirmali halli insibha lesta. (Jidlaq)

Hitler: Tajjeb hej! L-ewwel wiehed li jigi nikkonsinjahilu, anzi nikkonsenjaw ruhna flimkien, ghaliex jiena ghalhekk gejt hawn, biex nikkonsenja ruhhi. Jiena verament sraqt..... anzi le.... c'oe insejt il kappott tieghi mqatta u mahmug f'hanut tal-kafe u sibt dan li ghandi fuqqi ta wiehed ras kbira russu, u hadtu. Kien zbalji u xejn izjed. Izda kemm gieb glied.,(Jghaffas it-telegramm bejn idejh u jaqsmu fi tnejn.) Issa sewwa, minflok telegramm saru tnejn. X'sejjer naghmel? Naharqu ahjar... Jiena ma naf b'xejn, jiena ma rceyejt xejn. Fin nar!.... Le jiena madankollu nara qattajtux apposta... Qeghda tigini l-kurzita nara x'hawn miktub. (jiftah u jaghmel bictejn karti flimkien) Miktub bir-Russu! Naraw nifhimx xi haga (Jaqra) "Skorponof, Piritoff, pissiakofi, kosnokoff, piss....piss.... pisskerijakoff... Garbatoff." (-) Halli nara,(jerga jaqra xi kelma) Issa fhimt aktar milli kont nahseb. (Jitraducci) " Nasal siegha aktar tard mill-appuntament li taghjtkom." General Garbatov. Oh! tajba! Mela min hawn u fiti iehor ghandu jasal hawn wiehed general Russu..... Sejjer naghmel..; u iva nibqa hawn, jerrestawni aktar malajr, tigi kif tigi. X'hadd tigih hliena minni u jaghtini bicca hobz x'niekol. (jinfetah il bieb tal-genn).

El hames Xena.

Baria: (Jidhol, lil Hitler) Boun gornu. Eh skuzi, inti l-eccelenza tieghu il general.

Hitler: Ga Ga. (Wahdu) Memorja ghinni, Garba...

Baria: Garbatov

Hitler: Mela Garbatov. (Wahdu) sparrajtgha...

Baira: Oh! Mela inti l-eccelenza, skuzani..

Hitler: Lanqas xejn
Baria: Poggi eccelenza. Qalli bik il-kummisarju Surrujkoff. u nahseb li dalwaqt ikun hawn.
Hitler: Hares xtaqt qabel xejn nifthemu ftit.
Baria: Eccelenza itlob u il-kelma tieghek hija kmand biex ingibulek kull ma trid. (Lil Publiku) Eppure dawk il par mustacci xejn ma joghgbuni u narah jixbah lil dak li ghana msakkar hemm gewwa.
Hitler: Hares, jiena ma ghandhiex intenzjoni li niddisturba lil hadd. Gejt biss .....biex....
Baria: Ma tista tahseb il-migja tieghek go dan l-ufficju hija ta nkorragiment kbir, Eccelenza ahfirli jekk sejjer naghmillek din il-mistoqsija...... Inti gejt hawn F'Berlin biex taqbad lil Hitler.
Hitler: Ah! Inti taf tiga?
Baria: Ahna il-pulizija eccelenza nafu is-sigriti kollha, ghaliex jiena wkoll ghandi il-missjoni illi insib lil Hitler naj jew mejjet.
Hitler: (Lil Nies) Il-mnifah kemm haddu hsiebi malajr..... issa li ghandi f'idejjadinna il-fortuna. (Lil Baria) Mela tiga qeghdin tfittxu lil Hitler eh?
Baira: U kif! Ma eccelenza, qieghad narak ftit hosbien? Gheqtlek li il-kummisarju detective dalwaqt ikun hawn
Hitler: Id-detective kieku ma jogghodt jiskommoda ruhu mhux ahjar.
Baria: Kif general
Hitler: Ridt nghaid jekk huwa ghandu x'jaghmel.
Baria: Huwa qalli li f'certu hin ghandu jitcelfonalek. Issa jekk joghgbok nehhi il-kappott.
Hitler: Le grazzi dan nzommu dejjem fuqqi.
Baria: (Lil Nies) Haga ta liskantament. General jurri din it-timidezza kollha.
Hitler: (Wahdu) Halli naraw jekk ma nohrogx bis-saqajn min dan l-ufficju. Jekk ma ghandhomx jifghogilhawni wkoll. (Iddur fuq Baria) hares, f'kelma wahda jiena ma inix.... (Icempel it-telefon, iharrsu mument lejn xulxin biex jaraw minn minhom sejjer jirrispondi.
Baria: Eccelenza jekk joghgbok it-telefon.
Hitler: Eh! iva insejt illi jiena general.(It-telefon.Jerga icocempel)
Baria: Huwa il-kummisarju detective Surrukoff bla ebda dubbju.
Hitler: (Bla ma jitharrek) Nahseb li hu.
Baria: Eccelenza, Qed nara li il-vjagg strapazzak hafna.
Hitler: Veru, veru ferm ukoll.
Baira: Halli immor jien fuq it-telefon (Immor fuq it-telefon) Ma minn ghandi il-pjacir..... iva il pulizija Bariakoff ....... Propju wassal issa, ....iva.... il-general, Sur Kummisarju.
Hitler: Halli naraw x'gej.
Baria: (Dejjem fuq it-telefon) isbah din ! ( Lil Hitler) Eccelenza, id-detective Surrujokkk jixtieq ikellem lilek.
Hitelr: Lili?
Baira. Lilek eccelenza.
Hitler: (Immor fuq it-telefon). Halli naraw.
Baira: Stramp dan il-general. Lanqas biss ir-reciever tat-telefon ma jaf izomm f'idu. Nahseb li l-effetti tal-gwerra.
Hitler: (Iqieghad ir-reciever ma widnejh) Jiena dejjem lest iva..... le......iva..... tajjeb..... iva... iva...iva.... Mela le...( Inehhi min idu ir-reciever.) Hekku lest.
Baria; Tajjeb , hux veru?
Hitler: Tajjeb ferm, isma allura din l-iskrivanija hija ghad dispozzizjoni tieghi. Hux veru?
Baira: Iva ghalik eccelenza. Anki ahna il-pulizija qeghdin hawn ghad-dispozzizjoni tieghek.

Hitler (Jieqaf dritt fuq il-persuna bhal min sejjer jiehu pussess ta' xi haga kbira, bl-akbar pompa imur ipoggi ma genb l-iskrivanija, u ghalkemm irid jaghmilha ta' kbir, izda jaqa' fir-redikolu)

Baria Sur General, ma tnehhix daqxejn il-kapott ? Hawn donnok qieghed f'darek.

Hitler Naf naf. Izda ma nehhiehx ghax nibza mill-irjieh. (Jiehu aspett gravi) X'hin hu ?

Baria L-ghaxra daqqu, eccellenza.

Hitler (Wahdu) Tajjeb, jonqos siegha u nofs ohra.

Baria Qabel immur tikkmandani xi haga ohra, Eccellenza ?

Hitler Nghidlek is-sewwa illi tlaqt hekk bil-ghagla illi anqas kelli zmien niehu kolazzjon.....

Baria Eccellenza inti taf li ahna l-puluzijja sigrieta gejna mehudin bil-lieva bhala suldati u ghalhekk huwa l-militar li jipprovdilna l-ikel. Ippermettili immur nghid lis-suldat Slavsky biex igiblek kull ma tixtieq. Halli mmur naghtih l-ordni.

Hitler Stenna halli nara. (Ipoggi sebghu fuq ilhitu jahseb) Xejn,xejn mur. (Bariakoff isellem u jitlaq)

## Is-sitt Xena

Hitler wahdu, imbaghad Bariakoff u Slavsky

Hitler (Baqa wahdu jinfexx f'dahqa kbira) Dawn hwejjeg tad-dinja l-ohra. Jghidu li r-russi huma nies hziena daqs ix-xjafek, imma jiena Hitler irnexxieli ndahhalhom fi xkora. Il-gwerra tlifniha, imma r-russi jibqghu russi B* rashom marbuta, u ahna l-germanizi nibqghu dawk li konna. Jiena gejt hawn biex inhallihom jaqbduni u issa sirt il-general Garbatov russu. Tajjeb hafna, ghad ghandi quddiemi siegha zmien. Issa niekol ikla, imbaghad nizgicca baxx baxx il-barra.

Baria Permess ?

Hitler Ghaddi,ghaddi.

Baria Hekku s-suldat ghall-ordnijiet tieghek.

Slavsky (Li dahal liebes ta' suldat ma Bariakoff) X'tixtieq Eccellenza ?

Hitler X'ghandkom ?

Slavsky Ghalina s-suldati, galletti, imma ghall-irjus kbar bhalek ghandna tigieg, dundjani, perzut, helu u xorb ta' kull xorta. Komunizmu eccellenza, kulhadd indaqs.

Hitler F'himtek, il-komunizmu ta' Lenin. Imma araw x'sejjer nghidilkom illi kemm indum hawn jiena, irrid il-vera ugwaljanza, is-suldat u l-general jieklu l-istess haga.

Slavsky (Ihares lejn Bariakoff) Oqghod fl-ahhar sibna superjur li taghna ragun.

Baria Nahseb li ma dan sejrin nghadduha tajjeb.....

Hitler	Biex nurikom kemm ghandkom ragun, u kemm hijja ridikola s-sistema tal-komunizmu u iktar ridiklu min ghamilha, jiena Garbatov, il-general kmandant russu, nirrinunzja ghat-tigieg u d-dundjani, u nitlobkom iggibuli biss hobza, bictejn perzut, u flixkun inbit. Id-dundjani kuluhom inthom.

Baria : )Liema gentilezza! Dan komunizmu !
Slavsky )

Hitler	Dan huwa l-veru komunizmu. Huwa hawnhekk hawn qalb li taf thobb, li taf thoss. Ghandna jew m'ghandniex naqsmu bejnietna il-hobzna ta' kull jum fuq mejda wahda ?

Baria	Prosit eccellenza! Lilek kien imissu ghamlu monument mhux lil Lenin.

Hitler	Mela morru gibuli li ghidtilkom u malajr ghax qed narah jidlam.

Slavsky	Eccellenza......

Hitler	Isma ghanki din l-eccellenza naqtugha taf...Ara sejhuli, sejhuli....... insomma sejhuli xi haga, basta iggibuli niekol.

Baria	Mhux eccellenza, imma bi hsiebna nakklamaw lilek President tar-rússja.

Slavsky	Fik jinsab il-veru spiritu tal-komunistù. Ahna bi hsiebna naqilbu r-russja ta' taht fuq u minflok lil Stalin, intellghu lilek fuq is-siggu tad-deheb.

Hitler	Imbaghad naraw! Forsi nitla ukoll, imma ghalissa gibuli niekol.

Slavsky	Arani sejjer, eccellenza. (Jitlaq)

Hitler	(Lil Baria) Isma, ch...x'jismek ?

Baria	Bariakoff Kostantinu, biex inservik.

Hitler	Bariakoff, nidhlu daqxejn fl-interessi taghna. Inthom dal-ghodu arrestajtu xi germanizi ?

Baria	Iva eccellenza, arrestajna wiehed barra minn fuqek, qisu int.

Hitler	(Wahdu) Mela sewwa qaluli, arrestaw lil hijja. (Lil Baria) Hadd izjed ?

Baria	Le eccellenza, imma qieghed isir tiftix kbir biex insibu lil Hitler. Hemm min jissuspetta li rawh f'hanut tal-kafe liebes imcerrer, imbaghad sab coat ta' wiehed maggur russu u libsu biex ma jingharafx.

Hitler	(Konfus) Eh? Eh? Coat ? Mollox jista jkun. (Johrog maktur u jimsah l-gharaq).

Baria	Sur General jekk trid tnehhi ftit il-coat....

Hitler	Le, le fix-xitwa qatt ma naqla l-coat minn fuqi.

Baria	Minnek jonqos.

Hitler  Isma halli nghidlek Baria...Bariakoff inthom ir-russi, ridt nghid il-puluzijja russa thallu d-delinkwenti Germanizi jaharbulkom minn taht idejkom fil-waqt li jigu biex jikkunsinjaw ruhhom.

Baria  Dan le Eccellenza.

Hitler  Qed nghidlek tmerix ghax hadd ma jaf daqsi.

Baria  (Wahdu) Ghandu jkun se jibda juri snienu.

Hitler  (Jaqbad karta minn fuq l-iskrivanijja u jaqra) "Rigal ta' 10,000 mark lil min jaqbad lil Hitler". (Wahdu) Eh! Huwa hawn jien ninsab imminaccjat bl-ikreh. (Idur b'salt fuq Bariakoff) U int b'dawk il-par mustacci kollha ma kellekx il-hila taqbad lil Hitler ?

Baria  Huwa Hitler m'huwiex xi brimba Eccellenza.

Hitler  Naf, Hitler huwa gurdien xieh.

Baria  Taf int hux, li hawn f'Berlin biss, hawn mat-300 esperti alleati detectives biex isibu lil Hitler u ghadhom ma sabuhx.

Hitler  Imma issa XXX hawn jiena, u la hawn jiena Hitler jinsab. Int ghadek kemm ghidtli li ghandkom wiehed arrestat jixbah lili ?

Baria  Iva eccellenza.

Hitler  Mela ghamilli pjacir u mur gibu 'lhawn halli ninvestigah.

Baria  Dalwaqt mieghek. (Isellem u jitlaq)

Hitler  Insejken hijja, halli naghtih il-liberta. Min jaf kemm ser jistaghageb....

Is-sebgha Xena

Slavsky u Hitler

Slav  Permess ?

Hitler  Ghaddi.

Slav  (Jidhol u jgib mieghu hobza, flixkun bl-inbit, bictejn perzut fi platt, tazza, furketta u sikkina)

Hitler  Bravu! Halli kollox hawn! (Slavsky ihalli kollox fuq l-iskrivanijja u jitlaq) Issa halli joqghodu ifittxuni. Kos 300 detectives biex jaqbdu ....u kif indunaw hekk b'bija f'daqqa ? Hallihom ifittxu! Jiena sa dattant sejjer intaffi ftit il-guh. (Ipoggi l-flixkun ta' l-inbit ma halqu, fil-hin jidhol Slavsky fuqu b'sarvetta f'idu.)

Slav  Permess ?

Hitler  (Inehhi malajr il-flixkun minn halqu u jimsah xuftejh bil-komma) Ghaddi.

Slav  Ahfirli eccellenza, kont insejt is-sarvetta.

Hitler  Eh, iva grazzi.

Slav  (Itih is-sarvetta, isellem u jitlaq)

## It-Tmien Xena

Hitler wahdu imbaghad Mr. Winger

Hitler: (Jaqta bicca oerzut u jpoggiha f'halqu bil-furketta)

Winger: Nista' nghaddi? (Titfacca rasu minn bejn il-kwinti)

Hitler: Stenna ftit u tghallem l-edukazzjoni (Jarmi kollox minn halqu) Issa ghandek tghaddi.

Winger: Imma jiena hawn qatt ma gejt, jiena ma nafx l-uzanzi taghkom ir-Russi. Darba dahhalt sebghi f'ghajn ta' Russu ghax ried jaghmilna komunista, u jien ma ridtx.

Hitler: Ghamilt sewwa.. cioe. halli nghidlek... (jiehu poza ta bniedem kbir) Inti x'ghandek tghidli?

Winger: Jien qed nitkellem mal-kummissarju tal-Pulizija Russa?

Hitler: Mieghu personalment le, imma jiena u hu qisna bhal bicca xemgha imdewba, irrid nghid haga wahda.

Winger: Mela nkellem lilek?

Hitler: Iva imma malajr kemm jista jkun ghax ghandi x'naghmel.

Winger: Mela biex nehilsek malajr sinjur, jiena jisimni Winger Finger. (Ghandu f'idejh coat u l-berita li nehha minn rasu jibda jdawwarha bejn idejh) U jien Germaniz.

Hitler Bhali, cioe. ridt nghid int Germaniz. Kif gejt f'dan l-ufficju tal-Pulizja Russa?

Winger: Ghaliex sinjur jien ghandi hanut tal-kafe..Kafe Internazzionali bla zokkor, u billi ghandi jidhol kullhadd, dahal ghandi wiehed maggur Russu u halla l-kowt tieghu......u insomma, halla l-kowt. (Ihares lejn il-kowt ta' Hitler aktar minn darba)

Hitler: U naturalment serquhulu.

Winger: Hekk hu, u dak storbju Sinjur! Sad-demm gera'.

Hitler: Naf.

Winger: Taf?!

Hitler: Ghaliex biex tridni nghidlek dega wasluli xi rapporti.

Winger: Eh, Eh... Tant ahjar. Issa dan il-maggur Russu gie ghall-kowt, u meta mort biex ingibulu sibt dan minn floku. (Jurih il-kowt mahmug)

Hitler: Isma', dak il-kowt ma fihx il-brimb hux?

Winger: Sa fejn naf jien ma fih xejn.

Hitler: Allura?

Winger: Allura r-Russu irid il-kowt, inkella ikolli inhallasulu.

Hitler: M'ghandux dritt.!

Winger: Eh. Le? Sinjur x'komfort qed taghtini?

Hitler: Pero hares, bhala militari ahjar ittih bicca minn djulek.

Winger: Difatti, ghadu qieghed hemm fil-hanut, ahmar nar isabbat il-banketti, ikisser il-flixkien, u salponnijiet ghammilli ma wicci,- Sinjur. Jiena ma hallejtux b'xejn taf.

Hitler: Bravu

Winger: Jien bravu jew hu sinjur?

Hitler: Bravu, ghax kultant lezzjoni tajba.

Winger: Imma intant kif sejjer naghmel meta huwa ma jridx johrogli 'l barra mil-hanut jekk jien ma ntihx il-kowt.

Hitler: Inti jekk tarah tgharfu dan il-kowt?

Winger: Nahseb li ngharfu. Kien precisament bhal dak li ghandek fuqek.

Hitler: Ma tridx tghid li hu hu ukoll hux?

Winger: Is-smea jibliberani Sinjur, ma tarax! Hares sinjur, tassew li ahna l-Germanizi tlifna l-gwerra, imma taf ghax tlifniha hux? Ghax spiccatilna l-patata, ghax kieku.... u mhabba l-atomic bomb ukoll eh,.. imma insomma, issa hekk giet! Allura kont qieghed nghid illi intom ir-Russi billi okkupajtu Berlin ma rridx li jghidu li Germaniz seraq il-kowt ta' wiehed maggur Russu....

Hitler: Ghandek xi suspett minn seraq il-kowt?

Winger: Suspett kieku ghandi, imma mur sibu sinjur. Naf wiehed jghix bl-akkarija, sikwiet jigi jigbor xi sigaretti mill-hanut, u dak il-hin li nsteraq il-kowt, kien qieghed hemm. ir-baghad ma rajtux izjed. Dan kien jixbah perfettament lilek.

Hitler: Ma tridx jewwilla tghid li jien ukoll hux?

Winger: Uh! Sinjur Alla hares qatt! Jinxef ilsienikemm il-darba ridt nghid dan.

Hitler: Insomma inti trid li l-pulizzija tfittex dan il-halliel biex tarrestah?

Winger: Verament jien ma xtaqtx li nasal s'hawn, ghax jekk qatt dan il-halliel huwa wiehed minn huti l-Germanizi, xtaqt...ma tafx kif sinjur?

Hitler: Sewwa, sewwa ghandek qalb tajba. U hares avolja qieghed tarani hawn, imma jiena nammirak. Anzi ara halli niehu nota: Dan il-kowt kien?....

Winger: Precis bhal tieghek, Sinjur.

Hitler: (Wahdu) Dal-kowt bdejt inhossu jitqal fuqi. (Lil Winger) Isma, din ta' precis bhal tieghek qieghed ittini fastidju.

Winger: Imma sinjur jien minghiex nghid hlief is-sewwa. u li kieku ma kienx fuq is-sinjurija tieghek, kont nghid ili hu.

Hitler: Hekku, jidhirli li la darba qieghad fuqi, hadd mu sejjer jiddubitha li mhux tieghi.... Mela niktbu li kien bhal tieghi;izda ma ghandek l'ebda suspett, hux tassew?

Winger: Suspett fuq sinjur bhalek? Mela jien qed nitlef?

Hitler: Kowt l-istess bhali ghandu fuqu Hitler. (Jikteb)

Winger: (Mistaghgeb) Kif sinjur? Smajt sewwa jiena?

Hitler: Ridt inghid illi Hitler fix-xitwa kien ihobb jilbes kowt bhal dan. (Jerhi il-pinna fuq il-mejda) Mela tista tmur, malli insibu il-halliel tal-kowt nibghad ghalik.

Winger: Kafe Internazzionale, Winger Finger immlaqqam zebedew. (Jiehu il-kowt li gieb mieghu u jitlaq pero jinsa il-bastun li gab mieghu.)

## ID-DISA XENA.

(HITLER WAHDU UMBAGHAD MR.HIMMLER).

Hitler: Ghal ftit ma tliftx il-grad ta' general, kieku ghal-inqas ilhaqt kilt xi haga!... (Idahhal idu fil but tal kowt u johrog gurnal) Eh! dan il but hawn xi haga!

(Johrog il-gurnal u jaqra) "Aviz- Gwaj ghal minn ikun kawza ta glied jew jisraq xi haga militari Russa ghax jaqa' taht qorti Marzjali." (Jaqghalu il-gurnal minn idu) Ommi x'wahda din mela allura jien ghandi immut bil-guh. Nilghabha, xi rrid ikun! (Jibda jiekol, umbaghad ipoggi il-flixkun tal-inbid ma halqu, jinstema hoss u Hilter jinhasad)

Himmler: Permess?

Hitler: Ix-xjafek! Ghad fadal? (Jahbi il-flixkun) Ghaddi!

Himler: (Jidho b'gurnal f'idu) Skuzi jiena gejt inkellmek....

Hitler: Iva poggi ftit hemm, sakemm nispicca din l-ittra. (Jaqbad taparsi jikteb)

Himmler: (Ipoggi bilqeghda jaqra il-gurnal) "L-ahhar ahbarijiet fuq Hilter." Wara li gew misthargin xi pruginieri gholjin germanizi ma gew mittiehdin ebda konkluzjonijiet fuq il-hajja ta'Hitler, izda mill-mistoqsijiet li saru lil armiral Hergessel, huwa issostni bil-qawwa illi: Hitler ghadu Haj. (Jgholli lehnu biex jisimghu Hitler)

Hitler: Jiena smajt sewwa? Isma dak il-gurnal x'data ghandu?

Himler: "Dan ghandu hiereg mill-istampa sinjur.

Hitler: X'Jghid sabih?

Himler: Jghid li Hitler hanu haj u qeghdin iffitxuh sabiex jahdduh qorti marzjali.

Hitler: (Wahdu) U izgur li ghadu haj! Imma kif wara dak l-incident tal-kowt malajr stampaw il-gurnali? (Lil Himler) u ara sejjer nghidlek, avolja jien wiehed min dawk li qieghad ifiletex wkoll, imma l-ahjar naraw x'ghandek tghidli. Int minn int l-ewwel nett?

Himler: Jiena Tommy Himmler, u int jekk joghgbok?

Hitler: Jiena Hit. Hit. Hit. (Jaghtas) Skuzani, eh?..

Himler: Xejn, Xejn biss nixtieq inkun naf ma min qieghed nitkellem.

Hitler: Halli nghdilek: (Jiehu pozza ta' bniedem kbir) Lili ghammluni general xi siegha ilu.

Himler: Oh eccelenza avolja mahniex ta listess Nazjon, imma hallini nifrahlek bil-qalb. H

Hitler: Grazzi, grazzi! (Jihdu b'idejn xulxin)

Himler: Mela ma general ghandi l-unur nitkellem?

Hitler: (Icempel it-telefon) Mument wiehed. (imur fuq it-telefon) Min hemm....? Il Pulizija Bariakoff.... Le dak ma jiccaqlaqs minn hawn. Naf jiena il-ghaliex u basta. (Ihalli it-telefon) Ghalina Mr. Himmler.

Himler: Jiena eccelenza, skuzi imbih il-parrokki.

Hitler: Mela ghandek x'taqsam mal frattas

Himler: Prezizamment jien parrukier, skuzi u gejn hawn ghandkom ghaliex wiehed mill-ufficjali russi dahhal ghandi b'qarra donna qamar kwinta, u wara li ghatejtielu b'wahda mill isbah parrakki li kelli, skuzi huwa telaq u ma hallasniex.

Hitler: Jekk tarah tarfu?

Himler: Kien fartas eccelenza.

Hitler: Skuzi! Eh eh. Int x'nazjon int?

Himler: Jiena lhudi imma twieled il-Germanja.

Hitler: X'Jidrilkom minnha ir-russi, Nistjahlilkom tghidu li ir-russi huma hafna brikkuni.

Himler: Kollha, barra minek eccelenza.

Hitler: Prosit, jiena wkoll hekk bhalek nahsibha. Ghax hares ghalkemm lili lahquni general jien general ta dan il-kowt biss. (imiss il Kowt)

Himler: Ma fimtekx eccelenza.

Hitler: Mela , ghax jiena dan il-kowt ilbistu bil-fors, ghax kliem bejnitna, jien ma ridtx inkun kommunista. Hu kieku nista niftah qalbi!

Himler: Sewwa jghidu li mhux kull ma leqq huwa deheb.....
Hitler: Pero ma tridx tinsa li jiena maghgel...
Himler: Iva , mela eccelenza jiena semplicimment gejt nitolbok illi inti bhala responsabli tal-ghemil tas-suldati tieghek thalabli l-parrokka skuzi.
Hitler: Kemm tiswa din il-parrokka?
Himler: Hamsin mark.
Hitler: Ara zghar fuqi m'ghandiex, ghax li ghani kollha kbar, Ejja darba ohra u tithallas.
Himler: Mela nigi ghadau jekk nara lil dak il fortas ngharrfu b'kollox. Grazzi u arrivederci, eccelenza. (Jitlaq)

L-Ghaxar Xena.

(Hitler wahdu umbaghad Barriakoff, Slavsky u Zimmer)

Hitler: Imma issa dan mhux destin tieghi ? Ara jien qieghad nisogra hajti biex ntaffi ftit il-guh, u din il-bicca perzutt sejrin inizluili valenu. L-ahjar nigbor kollox u imorr niekol band ohra. ( Isorr kollox f'sarvetta u jkun sejjer bihom.)
Slavsky: (Jidhol u jahsb ili Hilter spicca mil-ikel) Eccelenza, sejjer taghmel? Gejt ghal tal-apposta biex inti ma tisskomodax ruhek. Tini kollox halli inizilghomlok isfel.
Hitler: Le halli, halli,. Jiena ma nhobb niskomoda lil hadd.
Slavsky; Le qatt ma nista nipermetti illi general imur jahsel il-platti tieghu.
Hitler: Inti ghandek tkun mas-studjatix sewwa is-sistema tal-Kommunizmu?
Slavsky: Imma sur General.... H
Hitler: (Jinfaqqa) U x'general general! Hallini niekol! (Issabat kollox fuq il-mejda)
Slavsky: Ahfirli ecc. Jiena kont hsibt..... ( Jitlaq)
Baria: (Jidhol u igib mieghu lil Zimmer) Eccelenza, hekku il-bniedem suspettus arrestat. Ma tafx kemm habbatni sakemm gibtu hawn.
Hitler: (Wahdu) Ma dan hija. (Jersaq ma genb zimmer u jaghfaslu idu) Hija skiet perfett ghax jiena ilhaqt general, fimtni?
Zimmer: (Figura tixbah preciz lil Bernard Hitler bis liebes hazin, xaghru imhabbel u mustacci bhal ta Hitler., huwa marbut bil-kattina) Hija.....
Hitler: Iskot! (Izommu halqu u jhares lejn Bariakoff li baqa' fil-fond tax-xena. Imxi ma hsiebi.
Zimmer: Il-pulizija russa qabditni u ghalqitni hawn minghajr ma naf ghal fejn.
Hitler: Jien naf ghaliex.
Zimmer: Ghaliex hija?
Hitler: Iskot! Gibuk hawn ghax ghandek il-mustacci jixbhu lil tieghi.
Zimmer: Li kont naf kont inqaxxarhom.
Hitler: Iskot lili wkoll qeghdin iffitxuni/u gwaj jekk ikunu jafu li taht dan il-kowt......
Zimmer: Dan il-kowt min fejn giebtu hi?
Hitler: Iskot! Dan il-kowt huwa l-arka tas-salvazzjoni. Qhidlek imxi ma hsiebi: Jiena issa sirt general.
Zimmer: Imma Sur Genreal jiena ninsab hawn innocenti. Innocenti qieghad nghidlek!
Hitler: (Jaholli lehnu biex jisimghu Bariakoff) Naf, naf li inti innocenti, Irrakontalli ftit kif kienet il bicca.

Zimmer: Il-bicc. kienet hekk. Il-bierah kont ghaddej f'nofs it-trieq, b' idejja fil-but insaffar, u x'hin tbaxxejt fl-art biex n. ġbor sigarru, insib ruhi mizmum mil ghonq tal-qmis min wara, u x'hin harist lura, nilmah pulizija Russa b'mustazci qishom ta qattus u dan bla kliem u bla sliem gibni hawn u wara li rabbatni bil-ktajjen, ghalaqni f' dak il-kabinett.

li jiena kont iltqajt mieghu f'Moskow qabel il-gwerra. Ghalhekk, tuh il-liberta.

Barra: Tkun obdut ecce. (Lil zimmer) Bl-ordin tal-ecce. tiegħu General Kmandant Garbatov, inehilek il-ktajjen u tista tmur. (Iholl il-ktajjen)

Zimmer: (Imur fuq Hitler) Grazzi Ecce. (Bilmod) Imma hija jiena ghadni ma fhimt xejn....

Hitler: Ghalissa irringrazzja lis-sema li iltqajt mieghi. Mur, nittama li nergaw niltaqaw. ( Jgholli lehnu, lil zimmer) Sahha Sur Ex. U issa ghamlilna il-wissa ghax hawn kliem mill-inqas.

Zimmer: Arani sejjer. (Huwa hu sejjer) Din x'Kawlata hi li qieghad ihawwad hija? (Johrog ma Bariakoff)

Il-Hdax il Xena.

(Hitler; Winger umbaghad Zimmer u Bariakoff)

Hitler: (Icempel it-telefon u imorr fuqu) Hallo! Kif? Kontu qbatuh? ..... Harbilkom?..... Hazin,... Hazin.... Thallu jaharbilkom lil Hitler! (Iwarrab mit-telefon) Mur ghidlhom li Hitler qieghad jikmanda lil Pulizija sigireta Russa!

Winger: Permess?

Hitler: Ghadni.

Winger: Tiskuzani Sinjur, insejt il-bastun u gejt ghalih.

Hitler: U hawn fil-Germanja kullhadd juzah il-bastun?

Winger: Dan ninqeda bih ghal klieb li jigu mir-Russia Sinjur. (Jiehu il-bastun)

Hitler: Prosit! Bravu! W

Winger: Kif, sinjur?

Hitler: Ridt inghqid tidher illi inti ghaqli; ghal klieb li jigdmu hemm bzonn tal-bastun.

Winger: (Wahdu) Imma kemm jixbah lil hallil tal-kowt....

Zimmer: (jerga jidhol) Eccelenza! (Kontra Xena tal-ahwa)

Hitler: Int ergajt gejt

Winger: (Jifissa fuq zimmer umbaghad ihares lejn Hitler) Donnhom fulla maqsuma (Iddur b'salt fuq Hitler) Sinjur, din id-darba zgur m'hiniex nqarraq (Ghal Zimmer) Dan huwa il-halliel tal-kowt. Nitolbok tarestah malajr (Kulhadd ihares lejn xulxin bhal boloh.

Zimmer: Ma nafx xi izomni li ma nisparax ghal xi hadd illum. L-ewwel arestawni lanqas naf ghaliex..... (Iddur fuq Winger) U int issa sejjer tghajjarni halliel?!

Winger: Tghadliex li mhux int li sraqt il-kowt ta dak il-maggur Russu?

Zimmer: Afli jekk intik daqqa ta harta, hadd ma jaghtini tort.

Hitler: Mustazzi qishom bhal ta qattus. (Iddur B'solenitta fuq Bariakoff li kien qiegħad joorohm il-mustazzi)
Mela inti arrestajtu lil dan ir-ragel?

Baria: Iva Ecce. b'suspett, sakem l-esperti allejati jiddegiedu jekk dan il-bniedem, huwiex Hitler jew le. Ghaliex huwa jixbhu hafna u specjalment mil-mustacci, Hitler mqaxxar.

Hitler: Ma issa li gejt jiena imliebes ol-akbar awtorita ta Moskow, li nghid jien joghod. U ghalhekk niddikjarha illi dan ir-ragel m'huwiex Hitler li qeghdin tfittxu inthom, cioe, li qeghdin intexxtu ahna. Jiena lil dan il-bniedem nafu tajjeb. Dan huwa Princep De-Kadutt li jiena kont iltqajt mieghu f'Moskow qabel il-gwerra. Ghalhekk, tuh il-liberta.

Baria: Tkun obdut ecce. (Lil Zimmer) Bl-ordni tal-ecce. tiegħu General Kmandant Garbatov, inehilek il-ktajjen u tista tmur. (Iholl il-ktajjen)

Zimmer: (Imur fuq Hitler) Grazzi Ecce. (Bilmod) Imma hija jiena ghadni ma fhimt xejn.... ...

Hitler: Ghalissa irringrazzja lis-sema li iltqajt mieghi. Mur, nittama li nergaw niltaqaw. ( Jgholli lehnu, lil zimmer) Sahha Sur Ex. U issa ghamlilna il-wissa ghax hawn kliem mill-inqas.

Zimmer: Arani sejjer. (Huwa hu sejjer) Din x'Kawlata hi li qiegħad ihawwad hija? (Johrog ma Bariakoff)

<u>Il-Hdax il Xena.</u>

(Hitler; Winger umbaghad Zimmer u Bariakoff)

Hitler: (Icempel it-telefon u imorr fuqu) Hallo! Kif? Kontu qbatuh? ..... Harbilkom?..... Hazin,... Hazin....
Thallu jaharbilkom lil Hitler! (Iwarrab mit-telefon)
Mur ghidlhom li Hitler qiegħad jikmanda lil Pulizija sigireta Russa!

Winger: Permess?

Hitler: Ghaddi.

Winger: Tiskuzani Sinjur, insejt il-bastun u gejt ghalih.

Hitler: U hawn fil-Germanja kullhadd juzah il-bastun?

Winger: Dan ninqeda bih ghal kliem li jigu mir-Russia Sinjur. (Jiehu il-bastun)

Hitler: Prosit! Bravu! W

Winger: Kif, sinjur?

Hitler: Ridt inghqid tidher illi inti ghaqli; ghal kliem li jigdmu hemm bzonn tal-bastun.

Winger: (Wahdu) Imma kemm jixbah lil hallil tal-kowt....

Zimmer: (jerga jidhol) Eccelenza! (Kontra Xena tal-ahwa)

Hitler: Int ergajt gejt

Winger: (Jifissa fuq zimmer umbaghad ihares lejn Hitler) Donnhom fulla maqsuma (Iddur b'salt fuq Hitler) Sinjur, din id-darba zgur m'hiniex mqarraq (Ghal Zimmer) Dan huwa il-halliel tal-kowt. Nitolbok tarestah malajr (Kulhadd ihares lejn xulxin bhal boloh.

Zimmer: Ma nafx xi izomni li ma nisparax ghal xi hadd illum. L-ewwel arestawni langas naf ghaliex..... (Iddur fuq Winger) U int issa sejjer tghajarni halliel?!

Winger: Tghadliex li mhux int li sraqt il-kowt ta dak il-maggur Russu?

Zimmer: Afli jekk intik daqqa ta harta, hadd ma jaghtini tort.

Winger: Bil-harta lili? Taghmelx arja b'dawk il-mustacci, taf..... Kieku irrid naf naghmilhom bhal tieghek, imma ma ridx.

Zimmer: Imma mhux inhalik tajjatli halliel.

Winger: Jekk mhux inti, wiehed jixbhek, ara dan wkoll....

Zimmer: Allura mur sib lil dak li jixxbahni.

Hitler: Isma hawn mhux xi kerreja tafux ( Imur ma genb Zimmer) Hija, razzan ilsienek! X'ergajt gejt taghmel?

Winger: Issa mela naraw niehux sodisfazjon (Ixxejjer ilbastun fl-arju)

Hitler: (icempel qanpiena zghira li hemm fuq lis-skrivanija u jidho, Bariakoff) Bariakoff arresta lil dan ir-ragel. Libsuh il-qmis tal-forza u nizluh ghal-osservazzjoni.

Bariakoff: Mela kelna ragun eccel. nissupetaw illi dan huwa Hitler

Im (Immur jaqbad lil Zimmer min drighu)

Hitler: (Bir-rabja) Mhux lil dak, lil iehor!

Baria: (Jibqa skantat) Ma nista nifhem xejn. (Imurr jaqbad minn drieghah lil Winger.)

Winger: Din hija vera injustizzja! Ghaliex erbahtu l-gwerra inthom ir-Russi qedin taghmlu li tridu f'pajjizna , imma ghal kilieb ghana il-bsaten. (Jaghmel xi ressistenza)

Baria: Lanqas kelma ohra! Bl-ordni tal General Kmandant Garbatov, jiena narestak.

Winger: U ghantkom il-hila tfahru il Kommuzimu. Ghantkom tassew biex tiftahru. (Baria jaqbad lil winger u jibqa diehel bih gewwa)

## It-tnax il-sena.

(Hitler u Zimmer) (Jieqfu iharsu lejn xulxin f'nofs ix-xena. umbaghad jinfexxu f'dahqa kbira.

Zimmer: Hija imma issa li ninsabu wahedna, spejgali ftit....

Hitler: hallini hi, kont ili tliet t'jiem ma niekol u bit-tama li naqta ftit mil guh. Thalt f'hanut niehu cafe, kont qieghad interrmer bil-bard, sibt dan il-kowt, hadtu u wara li qaghad naghmel ftit tal-kont fuq il-guh li fadali, ghid ahjar imorr jiena stess fl-ufficju tal-Pulizija Russa ghax hemm indabbar zgur bicca hobz. Gejt, u minghajr ma naf kif, sirt il-General Garbatov ta dan l-Ufficju.

Zimmer Bidluk ma hadd iehor? U int approfitajt ruhek?......

Hitler: Ghal ftit iehor pero.: Dak it-telegram tkellem car. Il-vera general Garbatov dalwaqt ikun hawn...

Zimmer: Mela milli nara tinsab fil-periklu.

Hitler: F'Perilu li jiffugilawni!

Zimmer: Mela jaqbel illi kif ma hawn hadd jarawna, inparpru il-barra....

Hitler: Ahjar nitilqu baxx baxx...

## It-tlietax il-Xena.

Slaw u ta qabel.)

Slaw: (Jidhol u ghad-dahla tieghu l-ahwa Hitler jieqfu) Hekk hu l-general li kellu jigi, wasal. Nista nifrahlek, eccelenza?

Hitler: Int min int?

Slaw: Jien, biex inservi l-eceellenza tieghek, wiehed mill-pulizija sigrieta Russa....

Hitler: (Hehmez lil hih u jghid lil Slawres) Novita'?...

Slaw: Minn dak li ghadu kemm fada mieghi id-detective Surrokoff u mill-informazzjonijiet li ha huwa, jahseb li hawn tnejn jiggerrew ma' Berlin li ghandu suspett fihom; wiehed jinsab diga maqbud taht idejna u l-iehor ittrasforma ruhu b'Kowt ta' wiehed maggur Russu illi ghadna qeghdin infittxuh.

Zimer: Ahjar indabbar rasi. (Jitlaq baxx baxx)

Hitler: Ghandu hila proprju jinsab vicin hafna dan Hitler, izda l-importanza hija li naqbduh.

Slaw: Hekk hu, eccellenza, imma nithabtu. Tippermettili nidhol niekol galletta ghax ghadni bil-guh?

Hitler: Mhux galletta, bl-ordni tieghi hobz bil-perzut.

Slaw: Grazzi eccellenza. (Isellem u jitlaq)

Hitler: U x'kull bicca! Anki lil ħija.... Nghid is-sewwa s'issa kont hadtha bic-cajt ma dawn ir-Russi, imma issa rasi qed inhossha titqal!!....... Hija diga dabbar rasu. Frattant ghadni inqas kilt, u gejt hawn biex niehol. (Imur biex jiftah is-sarvetta li halla fuq il-mejda)

## L-erbghatax Il-Xena

Hitler u Bariakoff

Baria: (Jidhol) Eccellenza jak il-mignun li libbistu l-qmis tal-forza rega' gie f'sessih. Intih il-liberta'?

Hitler: Le, le lil dak tal-kowt qatt; ghada naghmlulu karta u nibghatuh l-isptar tal-mohh.

Baria: Allura nzommuh?

Hitler: U zgur! Issa int mur u tigix jekk ma nsejjahlekx.

Baria: Kif tghid int, Eccellenza. (Isellem u jitlaq)

## IL-Hmistax il-Xena

Hitler wahdu imbaghad Garbatov

Hitler: Povra bicca hobz bil-perzut kemm kellha tiswieli! (Jaqbad il-flixkun ta' l-imbid f'idu) U int min jaf x'ghad tiswieli?..... (Din id-darba jixrob)

Garba: (Jidhol imghaggel liebes kapott twil militari alla Russa u jpoggi l-beritta fuq is-siggu.. Huwa ftit imdahhal fiz-zmien, simpatiku, u ghandu lehja niezla fuq haddejh biss; jitkellem mahtuf.. Huwa veru sinjur. Lil Hitler) Inti huwa?

Hitler: (Imfixkel ghal-ahhar) Jiena... Jiena... hu... il.. la.... le..la le.. il-kumm.....

Garba: Fhimtek, il-kummisarju tal-pulizija Russa?

Hitler: (Jahtfu) Hekk hu Russa.

Garba: Int ircevejtu t-telegramm tieghi? (Ihih biljett)

Hitler: (Jaqra l-biljett u wara li qrah jiehu b'id il-general) Uh uh uh. Sur general kemm stennejtek, imma inti kellek tigi aktar tard! Int gejt biex tiehu posti?

Garba: Jienamma gejtx biex niehu postok

Hitler: ah ... le.

Garba: Jiena gejt bhala espert militari mibghut direttament mill President Stalin biex naghti l-ahhar daqqa lil Hitler.

Hitler: L-ahhar daqqa lil Hitler?

Garba: Irrid inghid illi naghmel l-ahhar tiftixa u niehu mieghi gewwa Moscow lil Hitler haj jew mejjet.

Hitler: Eccel. x'tahseb li jaghmlulu lil Hitler jekk jaqa taht il-kappijiet Russi?

Garba: Nibbalzmuh!

Hitler: Tibbalzmuh! U eccel. iwegga xejn meta tibbalzmawh?

Garba: Oh Sur kummisarju x'mistoqsijiet... ahseb ftit meta jibbalzmawh xi kukudril. L-ewwel ituh il-gass, johorgulu msarnu barra, imbaghad ghad jikkonsmawh.

Hitler: Johorgulu imsarnu barra? Kif? (Wahdu) Jien irrid irrid nghaddi minn dan kollu?

Garba: Sur Kummisarju qed narak tisfar gralek xi haga.

Hitler: Le xejn ghaliex jien ftit sensibli ghal dawn l-affarijiet. Allura eccelenza decizi li tibbalzmawh jekk taqbdhu lil Hitler

Garba: Ghandu hila l-mirixall Stalin izommu haj u jitfghu
eziljat fis-siberja bhal ma ghamlu l-inglizi lil
Napuljun fil gzira ta Sant.Elena.

Hitler: Qed inhossu jghadilli.

Garba: Ah. Ghalinqass. Imma nitkellem ftit fuq l-interssi
taghna. Ghidli ftit sur kummisarju jezzisti f'dan
l-ufficju il-famuz detective Surrokoff?

Hitler Iva eccellenza, imma huwa ftit joqghod hawn, ghax huwa miexi dejjem wara l-passi ta' Hitler.

Garba Tajjeb. Issa la hawn jien, Hitler jinsab zgur ghax ma nitlaqx minn Berlin qabel ma nsibu.

Hitler Mela jkolli nitlaq jien min Berlin.

Garba Kif?

Hitler Ghax qieghed nahseb li l-presenza tieghek hawn f'Berlin hija Bizejjed, u jien nista hitlaq ghal xi pajjiz iehor.

Garba Sur Kummissarju qieghed toffendini. Imma jidhirlek li l-presenza tieghi ghandha tbieghed lilek minn Berlin? Anzi jiena nhoss ruhi onorat illi sibtek f'dan l-ufficcju.

Hitler (Wahdu) Mela mhux bhali.

Garba Ahna nistghu noqghodu flinkien, nahdmu flinkien, u wara li naqbdu lil Hitler, ingawdu l-glorja flinkien.

Hitler Vera glorja!

Garba Hekk mela! Issa jekk joghgbok issa urini fejn nista ninhasel ftit.

Hitler Izbah din eccellenza, hemm ara, ghaddi minn dan il-kuritur max-xellug (Jurih)

Garba Grazzi, Ippermettili! (Hitler jaghmel hafna inkini u Garbatov jitlaq mix-xellug)

Hitler (Jibqa jittawwal minn fejn hareg Garbatov) Bravu! Din id-darba gibtha zewg! Insakkru hemm gewwa. (Isakkar il-bieb bic cavetta minn fejn dahal Garba) Oqghod hemm prigunier issa! Issa huwa l-waqt li nitlaq il-barra. Halli mmur inkompli niekol band'ohra. (Jaqbad il-hobz ul-flixkun us-sarvetta u jkun sejjer imma jidhol fuqu Bariakoff)

Is-Sittax il-Xena

Hitler u Bariakoff

Baria (Jidhol fuq Hitler u Hitler jieqaf) Eccellenza, dak il-mignun jixtieq jghidlek kelma.

Hitler Silenzju.

Baria Ma nitkellimx? Allura anqas tisma lili?

Hitler Ghidtlek silenzju, ghax ghadni kemm arrestajt wiehed feroci aktar minn dak ta' qabel.

Baria Arrestajtu?

Hitler Ghalaqtu hemm gew. Ghidli haga; hemm gew ghal fejn jaghti?

Baria Ghall-latrini eccellenza.

Hitler Tajjeb Ferm! Ha f'idejk ic-cavetta. Jiena sejjhuli b'urgenza fuq it-telephon u hiereg malajr. Xejn ma nghidlek, qis li inti tindukrah ghax huwa bniedem perikoluz u mhux zgur li ma jgiebx l-armi mohbija fuqu. Sahha! (Jitlaq jigri l-barra)

Is-Sbatax il-Xena

Bariakoff wahdu imbaghad Garbatov, Surrokoff u Hitler.

Baria Arrestat peri koluz? (Johrog ir-revolver minn hziemu u jippuntah fuq il-bieb minn fejn hemm insakkar Garbatov) Ghalina!....Gwaj jekk jaghmel xi resistenza fuqi ghax paqq buum mill-ewwel. (Jinstama il-bieb ihabbat) Hawn hu x-xifajk!

Garba (Minn gewwa) Iftahli!

Baria Oqghod hemm jekk thobb il-hajja.

Garba Ifthu jew nisfronda l-bieb!

Baria X'irid ikun! Anke ghall-kurzita' niftahli, izda ma nafdahx. (Bixxellug jiftah il-bieb bic-cavetta u bil-lemin jipponta r-revolver fuq Garbatov).

Garba (Jidhol u jsib ir-revolver ta' Bariakoff ma wiccu) Dan lili?

Baria Jekk titharrek, nispara.

Garba Tispara lill-general tieghek?

Baria Kif? (Inizzel ir-revolver)

Garba Jiena huwa l-general Garbatov illi kellu jigi....Ma qalilkomx il-kummissarju?

Baria Imma l-general ilu il gie....

Garba Kif jista jkun? Hawn il-biljett tieghi. (Itih biljett di vista)

Baria Allura huwa veru inti?.....

Garba Jiena huwa il-kmandant general Garbatov illi gejt minn Moscow biex niehu pussess minn dan l-ufficcju tal-pulizija sigrieta u gejt biex infittex lil Adolf Hitler.

Baria (Wahdu) Mela l-iehor min kien?

Garba Inti ftit imhawwad. Ghidli...minkien dak li ghalaqni hemm gew?

Baria Jekk l-eccellenza Garbatov huwa int, l-iehor kien xi brikkun.

Garba U ghandek tiddubita?....

Baria Eccellenza! (Idahhal ir-revolver f'postu, isellem u joqghod attention) Nitlob l-iskuza kollha, imma jiena m'ghandi enda htija.

Garba Qisu ma kien xejn, nahliflek; hwejjeg li jigru wara l-gwerra, nizzel idek.

Baria Grazzi Eccellenza. (Inizzel idu) Ma issa qed jidholli suspett...

Garba U jkun?....

Baria Li dak li ghamilha ta' general minn flokok kien Hitler illi qeghdin infittxu.

Garba Qieghed tipperswadini; isa malajr, titlifx minuta zmien, girja wahda ghal warajh.

Baria (Kif ikun sejjer il-barra, jahbat wicc ma wicc ma Surrokoff li dahal izomm minn dirghajh lil Hitler. Dontra xena ta' kulhadd)

Garba Hekku t-traditur infami! (Johrog revolver u jippuntah fuq Hitler li jibza u jberraq ghajnejh)

Baria (Lil Hitler) Mur obsor illi kont qieghed tidhaq biha! (Jipponta wkoll ir-revolver fuq Hitler)

Surro (Lil Bariakoff) Bariakoff, das-sinjur min hu?

Baria Dan huwa l-veru gene al kmandant Garbatov li kollu jasal.

Surro Oh! Eccellenza! Vittorja! Vittorja! Tassew li xortik tajba! Int gejt f'Berlin biex taqbad lil Hitler u hekk hu dak il-bniedem illi kexkex lid-dinja jinsab taht idejna.

Hitler Jiena nkexkex lid-dinja, anqas ghandi sahha noqghod fuq riglejja?

Baria Iskot ja qattiel! Jiena qalbi hebritni meta rajt dawk il-mustacci.

Hitler Mishutin mustacci. Ha l-anqas iridhom izjed. (Jintef il-mustacci)

Garba Issa kollu ghalxejn li teqred il-mustacci; issa inti maqbud, u bizzejjed. Ah! Tahbit ta' qalbi Hitler jinsab taht idejna. (Inizzel ir-revolver u jdur fuq Surrokoff) U int, jekk joghbok, min int?

Surro Jiena biex naqdi l-eccellenza tieghek huwa l-kummisarju detective Surrokkoff li kont qed nistennik.

Garba Prosit! Nifrahlek bil-qalb ta' din il-vittorja meraviljuza. (Jehodlu b'idu) Ghada l-gurnali tad-dinja kollha ikunu mimlijin b'din l-ahbar illi "Adolf Hitler jinsab f'idejn il-marexxall Stalin jiex jiehu s-sentenza tieghu". Issa nitolbkom tnizzlu l-armi u halluh ftit ghall mistoqsijiet tieghi. (Inizzlu l-armi u jghid lil Hitler) Fuehrer Adolf Hitler, hadd ma jista jichad illi inti bniedem kbir, izda hares issa fejn mar jispicca il-kobor tieghek. Inti issa bhal dak l-ghasfur maghluq gewwagagga.

Surro Wiegeb xi haga, uri illi inti d-dittatur tal-kbira Germanja, uri li inti Adolf Hitler.....

Hitler Ahfruli sinjuri, hawnhekk hawn zball, u zball minn dawk il-kbar. Huwa veru li kunjomi huwa Hitler izda ismi huwa Bernard u ma inhix hlief bniedem id-dizgrazzjat qieghed imut bil-guh.

Garba Trid tkompli tinganna?

Surro Mela ghalfejn dak l-ghajjat u dak il-biza kollu meta qbadtek?

Hitler Ghaliex jiena sinjur sraqt coat ta' wiehed Russu gejt nikkonsenja ruhi bil-hsieb li ndabbar x'niekol, u bla ma naf kif ghamluni general u metarajt il-periklu, hrabt biex ma ninqabatx.

Garba Ma navdawhx, ma nemmnuhx.

Hitler Emmnuni sinjur, il-kbir Hitler inqas kien jigi minni. Mela Hitler wiehed biss hawn il-Germanja? Biss biss ahna sitta ahwa minbarra l-kugini........

Garba Xi prova ttina li m'intix Adolf Hitler?

Hitler Hawn sinjur. (Jaqla l-coat minn fuqu u jidher liebes imcercer u miserabbli kemm jista jkun) Kif tarawni, jien m'inhiex hlief bin skarpan li ghaliex hassar par zarbun mar qabex minn fuq...(Kwazi Jibki)

Baria Kellek il-kuragg tidhaq bil-pulizija Russa?

Hitler Jien mhux kuragg kelli, immaguh, guh tal-klieb.

Garba Mizerabbli! Indahhluh sewwa u natuh it-torturi, u taraw kif inkunu nafu jekk huwiex il-veru Hitler.

XENA TA L-AHHAR

Mr. Winger u ta' qabel kollha

Winger (Fil-waqt illi Bariakoff u Surrokoff sejrin biex jaqbdu lil Bernard Hitler, jidhol irrabjat u jinkorla) Tghadduni b'mignun? Inthom libl-arma tal-martell ul-mingel fuq il-bandiera hamra tridu turu l-gustizzja (Kulhadd Jieqaf) M'intkomx hlief qabda ghedewwa ta' kull ma hawa sewwa u qerrieda tal-ferh u tal-hena li kienet qeghda ssaltan fid-dinja qabel it-twelid taghkom.

Garba (Jaqbad helu helu ming dricha lil Winger u jnizzlu l-isfel nett tal-proxeniku u jghidlu) Taf li ghandek r gun hux... Imma issa pjacir irrid min ghandek; tkun taf tghidli min hu dak il-bniedem(Jurih lil Hitler)

Winger L-affermazzjoni tieghek ghogbitni, tajtni gost u rrid nghidlek. (Imur ma genb Bernard Hitler u jaghrfu) Ah! Sa fl-ahhar, inqabat il-halliel tal-caot.

Hitler Hemm arah il-caot tieghek, tista tiehdu.

Surro (Lil Winger) Mela int tafu sewwa lil dar-ragel?

Winger Nafu nghid...nafu minn ekunitu. Dak huwa certu Bernard Hitler li ghadda hajtu jghix bl-akkarija.

Surro (Wahdu) Fjask iehor mill-ikbar.

Baria Halli ghall-istampa kemm ser tghid fuqna.

Garba (Lil Hitler) Kemm a nkunu felici ahna r-Russi kieku minflok kien jismek Bernard Hitler.....

Hitler Kien jisimni Adolf?

Garba Iva, ghaliex kien ikollok l-izbah laqgha qalb is-silg tas-Siberja

Hitler Imma kif taraw, sinjuri, intkom hadtu PASS FIL)VOJT!!

TMIEM